I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1061/2009

tad-19 ta' Ottubru 2009

li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni

(verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewopea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-istrumenti li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u l-istrumenti li jirrigwardaw prodotti agrikoli proċessati adottati skont l-Artikolu 308 tat-Trattat, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-istrumenti li jippermettu deroga mill-prinċipju ġenerali li restrizzjonijiet jew miżuri kwantitattivi li jkollhom effett ekwivalenti jistgħu jkunu sostitwiti biss mill-miżuri inklużi f'dawk l-istess strumenti,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2603/69 tal-20 ta' Diċembru 1969 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjoni [1] ġie emendat kemm-il darba [2] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, inter alia għal dak li jirrigwarda l-esportazzjoni.

(3) Għalhekk għandhom ikunu stabbiliti regoli komuni għall-esportazzjoni mill- Komunità.

(4) L-esportazzjoni hija kważi kompletament liberalizzata fl-Istati Membri kollha. Għalhekk huwa possibbli li jkun aċċettat, fuq livell Komunitarju, il-prinċipju li l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mhix soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva, ħlief għad-derogi previsti f'dan ir-Regolament u bla ħsara għal dawk il-miżuri li Stati Membi jistgħu jieħdu b'konformità mat-Trattat.

(5) Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata kull meta Stat Membru jikkunsidra li miżuri protettivi jistgħu ikunu meħtieġa minħabba żviluppi eċċezzjonali fis-suq.

(6) Huwa essenzjali li ssir eżaminazzjoni fil-livell tal-Komunità, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni u fi ħdan kumitat konsultattiv, tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-esportazzjoni, tax-xejriet tal-esportazzjoni, tad-diversi aspetti tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali, u tal-miżuri li jkollhom jittieħdu skont il-każ.

(7) Jista' jsir evidenti il-bżonn li tkun eżerċitata sorveljanza fuq ċerti esportazzjonijiet, jew li miżuri protettivi ta' prekawzjoni għandhom ikunu introdotti kontra prattiċi mhux previsti. Il-bżonn għal azzjoni b'heffa u effettiva jiġġustifika li l-Kummissjoni tkun mogħtija s-setgħa li tiddeċiedi dwar tali miżuri, iżda mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni sussegwenti tal-Kunsill, li għandu r-responsabbilità li jadotta politika konsistenti mal-interessi tal-Komunità.

(8) Kwalunkwe miżura protettiva meħtieġa mill-interessi tal-Komunità għandha tkun adottata skont l-obbligi internazzjonali eżistenti.

(9) Huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu mogħtija s-setgħa, f'ċerti ċirkostanzi u sakemm l-azzjonijiet ikunu fuq bażi temporanja biss, li jieħdu miżuri protettivi.

(10) Huwa mixtieq li, waqt li jkunu fis-seħħ tali miżuri protettivi, għandu jkun hemm il-possibilità għal konsultazzjoni sabiex ikunu eżaminati l-effetti tal-miżuri u jkun aċċertat jekk il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom għadhomx sodisfatti.

[1] ĠU L 324, 27.12.1969, p. 25.
[2] Ara l-Anness II.

(11) Hu neċessarju li l-Istati Membri li huma marbuta b'impenji internazzjonali jiġu awtorizzati li jwaqqfu, f'każijiet ta' diffikultajiet attwali jew potenzjali ta' fornitura, sistema għall-allokazzjoni ta' prodotti taż-żejt bejn il-partijiet kontraenti biex jikkonformaw mal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw fir-rigward il-pajjiżi terzi, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet Komunitarji adottati bl-istess għan. Din l-awtorizzazzjoni għandha tapplika sal-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri xierqa skont l-impenji li jidħlu fihom il-Komunità jew l-Istati Membri kollha.

(12) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti kollha, sew jekk ikunu industrijali jew agrikoli. Din l-operazzjoni għandha tkun komplementarja għal strumenti li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, u għal strumenti speċjali adottati skont l-Artikolu 308 tat-Trattat għal prodotti agrikoli proċessati. Kwalunkwe koinċidenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-istrumenti, b'mod partikolari l-klawsoli protettivi tagħhom, għandha madanakollu tkun evitat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

PRINĊIPJU BAŻIKU

Artikolu 1

L-esportazzjoni ta' prodotti mill-Komunità Ewropea lejn pajjiżi terzi għandha tkun ħielsa, jiġifieri, ma għandhiex tkun soġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi, bl-eċċezzjoni ta' dawk ir-restrizzjonijiet li huma applikati b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI U KONSULTAZZJONI TAL-KOMUNITÀ

Artikolu 2

Jekk, bħala riżultat ta' kwalunkwe żviluppi mhux tas-soltu fis-suq, Stat Membru jikkunsidra li miżuri protettivi skont it-tifsira tal- Kapitolu III jistgħu jkunu meħtieġa, hu għandu jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni, li għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 3

1. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi kwalunkwe ħin, jew fuq talba ta' Stat membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

2. Il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu fi żmien erbat ijiem tax-xogħol wara r-riċeviment mill-Kummissjoni tan-notifika msemmija fl-Artikolu 2, u fi kwalunkwe każ qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura skont l-Artikoli 5 sa 7.

Artikolu 4

1. Għandha sseħħ konsultazzjoni fi ħdan kumitat konsultattiv (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "l-Kumitat"), li għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' meta jkun imsejjaħ mill-President tiegħu. Hu għandu jipprovdi lill-Istati Membri kollha, kemm jista' jkun malajr, bl-informazzjoni rilevanti kollha.

3. Il-konsultazzjoni għandha tkopri b'mod partikolari:

(a) it-termini u l-kondizzjonijiet tal-esportazzjoni, tax-xejriet tal-esportazzjoni, u tad-diversi aspetti tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali għal dak li jirrigwardja l-prodott in kwistjoni;

(b) il-miżuri, jekk ikun il-każ, li għandhom ikunu adottati.

Artikolu 5

Għall-iskop tal-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali għal dak li jirrigwardja prodott partikolari, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri sabiex jagħtu l-informazzjoni statistika dwar ix-xejriet tas-suq f'dak il-prodott u, għal dan l-għan, jaġixxu skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u skont il-proċeduri speċifikati mill-Kummissjoni, sabiex jeżerċitaw sorveljanza fuq l-esportazzjoni ta' tali prodott. L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe passi li jkunu meħtieġa sabiex jissodisfaw it-talbiet tal-Kummissjoni u għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

KAPITOLU III

MIŻURI PROTETTIVI

Artikolu 6

1. Sabiex tkun evitata sitwazzjoni kritika li toriġina minn nuqqas ta' prodotti essenzali, jew sabiex tkun rimedjata tali sitwazzjoni, u fejn l-interessi tal-Komunità jitolbu għal intervent immedjat, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha nnifisha, u filwaqt li tqis in-natura tal-prodotti u l-karatteristiċi partikolari l-oħra tat-transazzjonijiet in kwistjoni, tista' tissoġġetta l-esportazzjoni ta' prodott għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, li l-għoti tagħha għandu jkun regolat mit-tali dispożizzjonijiet u fil-limiti li l-Kummissjoni tipprovdi sakemm tittieħed deċiżjoni sussegwenti mill-Kunsill skont l-Artikolu 7.

2. Il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom ikunu notifikati bil-miżuri meħuda; tali miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament.

3. Il-miżuri jistgħu jkunu limitati għall-esportazzjoni lejn ċerti destinazzjonijiet jew għall-esportazzjoni minn ċerti reġjuni tal-Komunità. Huma ma għandhomx jaffetwaw prodotti li jkunu diġà fi triqithom lejn il-fruntiera tal-Komunità.

4. Fejn l-intervent tal-Kummissjoni jkun intalab minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-wasla ta' tali talba. Jekk il-Kummissjoni tirrifjuta li tissodisfa t-talba, hi għandha tikkomunika minnufih id-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill, li jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jiddeċiedi b'mod differenti.

5. Kwalunkwe Stat Membru jista', sa mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata tax-xogħol mill-komunikazzjoni tagħhom lill-Istati Membri, jirreferi l-miżuri meħuda lill-Kunsill. Il-Kunsill jista', b'maġġoranza kwalifikata, jieħu deċiżjoni differenti.

6. Fejn il-Kummissjoni tkun ħadet azzjoni skont il-paragrafu 1, hi għandha, sa mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata tax-xogħol wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri li hi tkun ħadet, għandha tagħmel proposta lill-Kunsill dwar miżuri xierqa skont l-Artikolu 7. Jekk, fit-tmiem ta' sitt ġimgħat mid-dħul fis-seħħ tal-miżura meħuda mill-Kummissjoni, il-Kunsill ma jkun ħa l-ebda deċiżjoni dwar din il-proposta, il-miżura in kwistjoni għandha tkun ikkunsidrata mhassra.

Artikolu 7

1. Fejn l-interessi tal-Komunità jitolbu hekk, il-Kunsill jista', b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta miżuri xierqa:

(a) sabiex jevita li tqum sitwazzjoni kritika minħabba nuqqas ta' prodotti essenzali, jew sabiex jirrimedja għal tali sitwazzjoni;

(b) sabiex jippermetti li obbligi internazzjonali miftiehma mill-Komunità jew mill-Istati Membri kollha jkunu sodisfatti, b'mod partikolari dawk li jkollhom x'jaqsmu ma' negozju fi prodotti primarji.

2. Il-miżuri msemmija fil- paragrafu 1 jistgħu jkunu limitati għal ċerti pajjiżi jew għall-esportazzjoni minn ċerti reġjuni tal-Komunità. Huma ma għandhomx jaffetwaw prodotti li jkunu diġà fi triqithom lejn il-fruntiera tal-Komunità.

3. Meta restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni jkunu introdotti, għandu jkun ikkunsidrat b'mod partikolari:

(a) il-volum tal-oġġetti esportati skont kuntratti konklużi fuq termini u kondizzjonijiet normali qabel id-dħul fis-seħħ ta' miżura protettiva skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu u notifikat mill-Istat Membru konċernat lill-Kummissjoni b'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħha; u

(b) il-bżonn li jkun evitat li jkun preġudikat it-twettiq tal-għan wara l-introduzzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi.

Artikolu 8

1. Matul il-perjodu li fih il-miżuri msemmija fl-Artikoli 6 u 7 ikunu fis-seħħ, għandhom isiru konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat, fuq talba ta' stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, bl-iskop li:

(a) ikunu eżaminati l-effetti tal-miżuri;

(b) ikun aċċertat jekk il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha jkunux għadhom sodisfatti.

2. Fejn il-Kummissjoni tikkonsidra li miżuri msemmija fl-Artikolu 6 jew fl-Artikolu 7 għandhom ikunu mħassra jew emendati, hi għandha tipproċedi kif ġej:

(a) fejn il-Kunsill ma jkun ħa l-ebda deċiżjoni dwar miżura meħuda mill-Kummissjoni, din tal-aħħar għandha temenda jew tħassar tali miżura minnufih u għandha immedjatament tagħmel rapport lill-Kunsill;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Kunsill li l-miżuri adottati mill-Kunsill ikunu mħassra jew emendati. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 9

Fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness I, saż-żmien meta l-Kunsill jadotta miżuri xierqa skont l-impenji internazzjonali li jidħlu fihom il-Komunità jew l-Istati Membri kollha tagħha, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jimplimentaw, mingħajr preġudizzju għar-regoli adottati mill-Komunità f'dan is-settur, is-sistema ta' tqassim ta' emerġenza li tintroduċi obbligazzjoni ta' allokazzjoni lejn il-pajjiżi terzi previsti fl-impenji internazzjonali li jidħlu fihom qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kumissjoni bil-miżuri li fi ħsiebhom li jadottaw. Il-miżuri adottati għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 10

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet Komunitarji l-oħra, dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, il-ħarsien tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, l-annimali jew il-preservazzjoni tal-pjanti; il-ħarsien ta' teżori nazzjonali li jkollhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew il-ħarsien ta' propjetà industrijali jew kummerċjali.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-operazzjoni tal-istrumenti li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, jew tal-istrumenti speċjali adotati skont l-Artikolu 308 tat-Trattat għal prodotti agrikoli proċessati; huwa għandu jopera b'mod komplementarju għal dawk l-istrumenti.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ma għandhomx japplikaw għal prodotti koperti minn tali strumenti u li fir-rigward tagħhom ir-regoli tal-Komunità dwar negozju ma' pajjiżi terzi jipprovdu għall-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li fir-rigward tagħhom dawn ir-regoli tal-Komunità dwar negożju ma' pajjiżi terzi jirrikjedu l-produzzjoni ta' liċenza jew dokument ieħor għall-esportazzjoni.

Artikolu 12

Ir-Regolament (KEE) Nru 2603/69, hekk kif emendat bl-atti msemmija fl-Anness II, huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON

ANNESS I

Prodotti msemmija fl-Artikolu 9

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2709 00	Żjut tal-petroleum u żjut ottenuti minn minerali tal-bitum, krudi
2710 00	Żjut tal-petroleum u żjut ottenuti minn minerali tal-bitum, ta' xort'oħra minn krudi; preparati mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor, li jikkontjenu skont il-piż 70 % jew iktar ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut ottenuti minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut bħala l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; żjut għar-rimi:
2710 11 11 sa 2710 11 90	Żjut ħfief
2710 19 11 sa 2710 19 99	Żjut medji
2710 19 31 sa 2710 19 99	Żjut tqal, ħlief żjut ta' lubrikazzjoni, wżati f'arloġġi u bħalhom, ippreżentati f'kontenituri żgħar li ma jikkontjenux iktar minn 250 g nett ta' żejt
2711	Gassijiet tal-petroleum u idrokarburi gassużi oħra:
	– Likwifikati
2711 12	-- Propan:
	--- Propan ta' purità ta' mhux inqas minn 99 %
	--- Oħrajn
2711 13	-- Butani
	– Fi stat gassuż:
ex 2711 29 00	-- Oħrajn:
	--- Propan
	--- Butani

ANNESS II

Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

(msemmija fl-Artikolu 12)

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2603/69 (ĠU L 324, 27.12.1969, p. 25)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/71 (ĠU L 28, 4.2.1971, p. 2)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1078/71 (ĠU L 116, 28.5.1971, p. 5)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2182/71 ĠU L 231, 14.10.1971, p. 4)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2747/72 (ĠU L 291, 28.12.1972, p. 150)	Biss l-ewwel Artikolu, l-ewwel inċiż;
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1275/75 (ĠU L 131, 22.5.1975, p. 1)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1170/76 (ĠU L 131, 20.5.1976, p. 5)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1934/82 (ĠU L 211, 20.7.1982, p. 1)	
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3918/91 (ĠU L 372, 31.12.1991, p. 31)	

ANNESS III

Tabella Ta' Korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 2603/69	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 sa 6	Artikoli 1 sa 6
Artikolu 7(1), parti introduttiva	Artikolu 7(1), parti introduttiva
Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 7(1)(a)
Artikolu 7(1), it-tieni inċiż	Artikolu 7(1)(b)
Artikolu 7(2)	Artikolu 7(2)
Artikolu 7(3), parti introduttiva	Artikolu 7(3), parti introduttiva
Artikolu 7(3), l-ewwel inċiż	Artikolu 7(3)(a)
Artikolu 7(3), it-tieni inċiż	Artikolu 7(3)(b)
Artikolu 8	—
Artikolu 9	Artikolu 8
Artikolu 10(1)	—
Artikolu 10(2)	Artikolu 9
Artikolu 11	Artikolu 10
Artikolu 12(1)	Artikolu 11, l-ewwel paragrafu
Artikolu 12(2)	Artikolu 11, it-tieni paragrafu
—	Artikolu 12
Artikolu 13	Artikolu 13
Anness I	—
Anness II	Anness I
—	Anness II
—	Anness III